2023/2827

14.12.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2023/2827

tat-12 ta' Diċembru 2023

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dak il-perċentwal jiġi kkalkolat skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura") ([1]).

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-*data* disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2024.

(5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	84 311 244	18,72
Franza	68 070 697	15,11
Italja	59 691 110	13,25
Spanja	48 063 694	10,67
Polonja	37 723 532	8,37
Rumanija	19 051 562	4,23
Netherlands	17 956 453	3,99
Belġju	11 754 004	2,61
Ċekja	10 833 385	2,40

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Żvezja	10 541 000	2,34
Portugall	10 516 621	2,33
Grečja	10 415 585	2,31
Ungerija	9 599 744	2,13
Awstrija	9 087 000	2,02
Bulgarija	6 498 567	1,44
Danimarka	5 921 952	1,31
Finlandja	5 593 070	1,24
Slovakkja	5 454 629	1,21
Irlanda	5 194 336	1,15
Kroazja	3 850 894	0,85
Litwanja	2 857 279	0,63
Slovenja	2 116 972	0,47
Latvja	1 883 008	0,42
Estonja	1 365 884	0,3
Ċipru	920 701	0,2
Lussemburgu	658 278	0,15
Malta	542 051	0,12”
UE 27	450 473 252	
Livell limitu (65 %)	292 807 614”.	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS